MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2013

Numru 466/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**

**Vs**

**Clive Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Clive Agius ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, iben Simon u Simone neè Azzopardi, imwieled il-Pietà fis-26 ta' Marzu 1985 u residenti Blk 6, Flt.2, Triq il-Fosos, Floriana, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 187685(M), talli f'dawn il-gzejjer nhar il-5 ta' Settembru 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenza mill-President ta'

Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorità moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenza jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medcini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorità moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba' u Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li

jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medici Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

4. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba' u Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medici Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

5. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli b'hekk sar recediv b'sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'kaz ta' htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tornda lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta'

esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat markata Dok. "HM1", estratt mic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat markat Dok. "HM2", il-fedina penali ta' l-imputat markata Dok. "HM3" u l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta markat Dok. "HM4";

Semghat lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dana minkejja l-fatt li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara fir-rigward tat-tieni akkuza, illi dan kien kaz ta' *trafficking by sharing* u kwindi ghandu japplika dak dispost fil-prviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dina l-akkuza;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena*;*

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-imputat qed jigi akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar il-5 ta' Settembru 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data: (1) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorità moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenza jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u

minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta; (2) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medcini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorità moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta; (3) kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba' u Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medici Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu; (4) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba’ u Sitt Taqsima ta’ l-Ordinanza meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta’ l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medici Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu; (5) kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Artikolu 8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta; (6) kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta’ l-Artikolu 8(a) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta; u (7) aktar talli b’hekk sar recediv b’sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u dana anke wara li l-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bl-iktar mod solenni bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha. Fid-dawl ta’ din l-ammissjoni u fid-dawl ta’ dak li rrizulta waqt is-smigh li nzamm fis-6 ta’ Settembru 2013, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija, il-problema ta’ droga akuta li ghandu l-imputat, liema problema hija accentwata minn problemi familjari li ghandu l-istess imputat. Izda, hadet in konsiderazzjoni wkoll l-ammont ta’ droga li instabet fil-fond

fejn jirrisjedi l-imputat kif ukoll il-fatt li nstabu qratas lesti ghall-ispacc, liema spacc gie ammess mill-imputat ghad illi rrizulta li minn tali spacc ma jaghmilx qligh minhabba l-vizzju tad-droga li ghandu huwa stess.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 8(a), 8(d) u 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 5 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi, Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 18, 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu tikkundannah ghal erba' (4) snin prigunerija effettiva **u** ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500).

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tornda lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba stante li ma tressqux provi dwar tali spejjez.

In fine l-Qorti taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin sabiex minhabba l-problema ta' droga li ghandu l-imputat, tul iz-zmien ta' prigunerija huwa jinzamm fil-Forensic Unit fl-Isptar Monte Carmeli u jinghata l-ghajnuna mehtiega u necessarja biex jeghleb din il-problema.

Din is-sentenza ghandha tigi komunikata lill-Avukat Generali entro t-terminu prefiss fil-Ligi u kopja ta' l-istess ghandha tigi komunikata wkoll lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------